


*6* **Agion Oros – Monte Athos**

*16* **L-Apokalissi (4)**

*21* **Il-Ktieb tal-Profeta Isaija**

*26* **L-Għanjiet tal-Mulej – L-Għanja tal-Poplu**

*33* **Il-Fariżej u l-Qassisin il-Kbar fl-Evanġelju Skont San Ġwann**




# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## FRANĠISKANI TAL-KUSTODJA MARTRI F'DAMASKU

Nhar il-Ħadd 20 ta' Ottubru l-Papa Franġisku se jikkanonizza fi Pjazza San Pietru grupp ta' 8 Patrijiet Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa u 3 lajċi Kristjani Maroniti, li ġew maqtulin b'mod barbaru minn Drużi fil-kunvent ta' Bab Touma f'Damasku matul il-lejl bejn id-9 u l-10 ta' Lulju 1860.

Dawn il-martri kienu: P. Manuel Ruiz López, Spanjol ta' 56 sena, li kien is-superjur tal-fraternità Franġiskana ta' Bab Touma; P. Carmelo Bolta Bañuls, Spanjol ta' 57 sena; P. Engelbert Kolland, Awstrijak ta' 33 sena; P. Nicanor Ascanio Soria, Spanjol ta' 46 sena; P. Nicolás Alberca Torres, Spanjol ta' 30 sena; P. Pedro Nolasco Soler Méndez, Spanjol ta' 33 sena; Fra Francisco Pinazo Peñalver, Spanjol ta' 58 sena; Fra Juan Jacob Fernández, Spanjol ta' 52 sena. Magħhom mietu Francesco Massabki, Abdel Mooti Massabki u Raffaele Massabki, kollha kemm huma aħwa Kristjani Maroniti, li kienu benefatturi tal-patrijiet u kienu jgħinuhom fl-attivitajiet pastorali u fit-tmexxija tal-kunvent.

Il-kuntest storiku li fih seħħ il-martirju kien dak tal-persekuzzjoni kontra l-Kristjani min-naħa tad-Drużi Xiiti (setta fir-reliġjon Musulmana li hi preżenti fil-Libanu, Sirja u Galilija ta' fuq), li bdiet fil-Libanu fl-1860 u malajr tferrxet fis-Sirja. Fid-9 ta' Lulju 1860 folol fanatiċi ta' Drużi invadew il-kwartier ta'



*Relikwi tal-Martri ta' Damasku*

Bab Touma f'Damasku, li sal-lum għadu l-kwartier Kristjan tal-belt Sirjana. Hemmhekk kienu jgħixu madwar 3800 familja. Id-Drużi għalqu t-toroq kollha ta' aċċess għall-kwartier u bdew diversi atti ta' vjolenza kontra l-popolazzjoni.

Kien fl-istess lejl tad-9 ta' Lulju 1860 li grupp ta' Drużi fanatiċi u armati rnexxielhom jidħlu minn bieb sigriet tal-kunvent ta' Bab Touma, wara li traditur lokali kien urihom minn fejn setgħu jidħlu. Il-patrijiet flimkien mat-tliet aħwa Massabi kienu msakkrin ġewwa, għax mill-konsolati Ewropej kienu ġew avżati biex ma joħorġux, imma f'dak il-lejl ġew maqtulin b'mod barbaru wara li l-fanatiċi Drużi riedu jġegħluhom jiċħdu l-fidi Kristjana u huma ċaħdu li jagħmlu hekk. Dawn l-eroj tal-fidi kienu ġew beatifikati mill-Papa Piju XI fl-10 ta' Ottubru 1926, u issa, kważi mitt sena wara, l-Papa Franġisku, wara ħidma bla taqta' tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa u tal-Postulatur Ġenerali tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri, P. Giovangiuseppe Califano, se jiddikjarhom qaddisin martri.

Ngħidu xi ħaġa dwar kull wieħed mill-martri. P. Manuel Ruiz López twieled fl-1804 f'San Martín de las Ollas, Burgos, Spanja, daħal Franġiskan u ġie ordnat saċerdot fl-1830. Sena wara mar missjunarju fil-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Meta sar il-massakru kien superjur tal-kunvent ta' Bab Touma f'Damasku, fejn il-komunità Franġiskana kienet tkun magħmula prevalentement minn partijiet Spanjoli. Hu ġie maqtul meta kien fuq l-altar biex jikkonsma l-ispeċi Ewkaristiċi biex dawn ma jiġux profanati mill-fanatiċi Drużi.

P. Carmelo Bolta Bañuls twieled fl-1803 f'Real de Gandía, Valencia, Spanja. Daħal Franġiskan fl-1825 u ġie ordnat saċerdot fl-1829. Fl-1831 mar missjunarju fl-Art Imqaddsa fejn ħadem f'Ġaffa, Ain Karem (Viżitazzjoni) u Damasku. Hu kien il-kappillan tal-parroċċa ta' Bab Touma u kien jgħallem l-Għarbi.

P. Engelbert Kolland twieled f'Ramsau, Salzburg, Awstrja, fl-1827. Daħal Franġiskan fl-1847 u kien ordnat saċerdot fl-1851. Fl-1855 wasal bħala missjunarju fl-Art Imqaddsa. Ta servizz fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, imbagħad f'Damasku, fejn kien il-viċi kappillan. Kien l-uniku patri li kien jinsab barra l-kunvent fil-ħin tal-massakru, imma xorta waħda ġie maqtul.

P. Nicanor Ascanio Soria twieled f'Villarejo de Salvanés, Madrid, Spanja, fl-1814. Daħal Franġiskan fl-1839, imma minħabba s-soppressjoni fi Spanja kellu jingħaqad mal-kleru djoċesan. Meta fetaħ il-Kulleġġ Missjunarju ta' Priego di Cuenca reġa' ngħaqad mal-Franġiskani u fl-1859 mar l-Art Imqaddsa, fejn intbagħat mill-ewwel f'Damasku.

P. Nicolás Alberca Torres twieled fl-1830 f'Aguilar de la Frontera, Córdoba, Spanja. Fl-1856 daħal Franġiskan u sar saċerdot fl-1858. Sena wara mar

missjunarju fl-Art Imqaddsa u ntbagħat Damasku biex jitgħallem l-Għarbi.

P. Pedro Nolasco Soler Méndez twieled fl-1827 f'Lorca, Murcia, fi Spanja. Fl-1856 daħal Franġiskan u fl-1857 ġie ordnat saċerdot. Fl-20 ta' Frar 1859 wasal bħala missjunarju fl-Art Imqaddsa u ntbagħat mill-ewwel fil-kunvent ta' Bab Touma f'Damasku.

Fra Francesco Pinazo Peñalver twieled fl-1802 f'El Chopo di Alpuente, Valencia, Spanja. Fl-1831 daħal Franġiskan u kien fra lajk, fejn ħadem bħala sagristan. Minħabba s-soppressjoni tal-Ordnijiet reliġjużi fl-1835 kellu jmur id-dar, imma fl-1843 talab li jmur missjunarju fl-Art Imqaddsa. Dam 17-il sena bħala kok u ħajjat f'diversi kunventi. Meta miet martri kien is-sagristan tal-knisja ta' San Pawl ta' Bab Touma.

Fra Juan Jacob Fernández twieled fl-1808 f'Moire, Ourense, Spanja. Fl-1831 daħal Franġiskan, imma fl-1835 kellu jmur id-dar minħabba s-soppressjoni. Fl-1858 talab li jingħaqad mal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, u wasal Bab Touma fl-1859 bħala l-kok tal-kunvent.

L-aħwa Massabki kienu Kristjani Maroniti, jiġifieri membri tal-Knisja Kattolika tal-Libanu. Il-kap tagħhom kien Francesco Massabki, li kien merkant u kellu familja numeruża. Dawn l-aħwa kienu ta' spiss ikunu mal-Franġiskani fil-kunvent, biex jitolbu u jaħdmu f'għajnuniet diversi, inkluż it-tagħlim tal-katekiżmu u tal-Għarbi lit-tfal tal-iskola. Dawn it-tliet aħwa, kif rajna, kienu jinsabu fil-kunvent meta daħlu l-fanatiċi Drużi u qatluhom mal-patrijiet.

Il-kanonizzazzjoni tal-Franġiskani Martri ta' Damasku mhijiex biss kommemorazzjoni storika ta' persekuzzjoni kontra l-Kristjani. Il-Kustodja tal-Art Imqaddsa, li kienet dejjem preżenti mhux biss fis-Santwarji tal-Fidwa f'dawk il-pajjiżi li llum huma Israel u Palestina, imma wkoll fl-Eġittu, is-Sirja, il-Libanu, it-Turkija, Ċipru u l-Greċja, kienet dejjem taffaċċja l-problema tal-intolleranza reliġjuża, jew minn reliġjonijiet mhux Kristjani, inkella minn Knejjes oħrajn Kristjani mifrudin mill-Knisja Kattolika. F'ambjent li fih hemm bżonn anke llum spirtu ta' rikonċiljazzjoni u maħfra reċiproka, f'ambjent ta' gwerer u vjolenza etnika li għadna narawhom quddiem għajnejna, x-xhieda tal-Martri Franġiskani ta' Damasku tibqa' dejjem attwali.